MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2011

Numru 970/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicolai Sant)**

**vs.**

**Joey Gossain**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ta’ 18 sena mwieled Suresnes, Franza nhar it-03 ta’ Marzu 1993 bin Bassam u Rosa nee’ Ghanem u residenti gewwa Hotel Villa Rosa, Room No. 24, St. George’s Bay, St. Julian’s  u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Franciza bi numru 030275R01070

Akkuzat talli nhar il-21 ta’ Awissu 2011 ghall- habta  ta’ bejn it-20.00 hrs u 21.30hrs gewwa Hotel Villa Rosa, Ix-xatt ta’ San Gorg, San Giljan:-

1. Volontarjament ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsara fuq magna awtomatika tax-xorb li kienet tinsab fil-Lukanda Villa Rosa, fix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan ghad-dannu tal-kumapnija General Soft Drinks Co. Ltd u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69);
2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe' fuq PS 1207 Robert Said Sarreo, PC 446 Joseph Mifsud u WPC 291 Amanda Azzopardi, waqt li kellu sikkina f'idejh;
3. Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq PS 1207 Robert Said Sarreo, PC 446 Joseph Mifsud and WPC 291 Amanda Azzopardi, waqt li kellu sikkina f'idejh;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-Istess Ufficjali tal-Pulizija imsemmija hawn fuq;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied.
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellek sikkina f'idejh minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti hija gentilment ukoll f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-Imsemija Ufficjali Pubblici tal-Korp Tal-Pulizija kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u il-fatt li huwa hallas d-danni minnu kkagunati seduta stante.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 325 (1)(b), 96 (a), 95(1), 338 (ee) u (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 u 51 (7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena u nofs prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' snin, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif wkoll ghall-hlas ta' multa ta' 116.47 Euro.

Il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 28A (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli jossevaha.

Ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' PS 1207 Robert Said Sarreo, PC 446 Joseph Mifsud u WPC 291 Amanda Azzopardi, qieghda torbot lill-hati li ghal zmien sena (1) millum bl-ebda mod ma jikkuntattja jew jimmollestja lil dawn il-persuni, u dan b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elfejn euro (€2000.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------